**IL-MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**

**SKEMA BOROŻ TA' STUDJU TAL-ARTI F'MALTA 2019**

**5 TA' LULJU 2019 – 7 T' AWWISSU 2019**

## Skema amministrata mill-Uffiċċju għall-Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti u Boroż ta' Studju fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

# Werrej


1. Għanijiet u Objettivi ........ 3
2. Noti ta' Spjega ........ 3
3. Eliġibbiltà ........ 10
4. Tipi ta' Boroż ta' Studju ........ 13
5 Iż-Żamma u l-Allokazzjoni ........ 15
6. Amministrazzjoni tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju tal-Arti ........ 15
7. Formoli ta' Applikazzjoni ........ 16
8. Proċess ta' Għażla ........ 18
9. Kriterji tal-Għażla ........ 19
10. Valur tal-Għotjiet ........ 21
11. Il-Fażi tal-Għoti ........ 23
12. Progress u Tlestija ........ 25
13. Terminazzjoni qabel it-tlestija tal-programm ........ 26
14. Kundizzjonijiet Ġenerali oħra tal-Għoti tal-Borża ta' Studju ........ 27

## 1. Għanijiet u Objettivi

1.1 L-arti huwa l-polz u r-ruħ ta' nazzjon vibranti u progressiv. Komunità artistika enerġizzata, sostenibbli u li qegħda tikber, u li tkopri l-forom kollha tal-arti u tagħti riżultati ta' kwalità, se ssostni industrija tad-divertiment saħansitra aktar impenjattiva u hija vitali biex tiżgura l-benesseri kulturali, soċjali, intellettwali u l-futur ekonomiku ta' Malta, filwaqt li fl-istess ħin tippreserva u tippromwovi l-wirt artistiku u kulturali immens tagħna li jkopri l-millennji.

1.2 L-Iskema Boroż ta' Studju tal-Arti f'Malta għandha l-għan li tipprovdi aktar opportunitajiet biex tappoġġja individwi li għandhom talent eċċezzjonali fil-ħolqien u / jew il-promozzjoni tal-arti espressiva. It-teatru, il-mużika, iż-żfin, id-disinn, il-kitba kreattiva, il-films, l-arti viżiva jew kwalunkwe taħlita tagħhom għandhom jingħataw prijorità.

## 2. Noti ta' Spjega

Sakemm il-kuntest ma jirrikjedix espliċitament mod ieħor,

2.1 **Amministratur** huwa uffiċjal fit-Taqsima tal-Boroż ta' Studju tal-Arti li għandu r-responsabbiltà finanzjarja u legali ġenerali fl-implimentazzjoni tal-iskema, kif iddelegata mill-Uffiċċju tal-Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti u Boroż ta' Studju fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

2.2 **Ftehim** huwa dokument li jorbot legalment lill-benefiċjarju tal-Borża ta' Studju, u l-Amministratur. Għandu jiġi mifhum li dawn ir-Regolamenti jiffurmaw parti mill-Ftehim. Il-Ftehim irid jiġi ffirmat sa mhux aktar tard minn tliet (3) xhur wara l-bidu tal-istudji jew wara l-pubblikazzjoni tal-klassifiki, skont liema minn dawn it-tnejn jiġi l-aħħar, sakemm ma jiġix iġġustifikat mod ieħor. L-ammonti monetarji murija fil-Ftehim għandhom jitħallsu biss jekk id-dokumentazzjoni xierqa (fatturi u rċevuti) tkun sottomessa u verifikata għall-eliġibilità u l-korrettezza. Fil-każ li tinsab xi inkonsistenza jew diskrepanza bejn il-Ftehim u dawn ir-Regolamenti, dawn ir-Regolamenti għandhom jipprevalu fil-każijiet kollha u l-Ftehim għandu jiġi emendat sabiex il-punt tad-diskrepanza jew inkonsistenza ma' dawn ir-Regolamenti jiġi rettifikat.

2.3 **Bord tal-Appelli** huwa Bord maħtur mill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, fdat bl-assessjar u bit-twassil ta' **deċiżjonijiet finali** meta jsiru appelli mill-applikanti u mill-benefiċjarji fejn jikkontestaw deċiżjonijiet meħuda mill-Bord tal-

Għażla ta' Boroż ta' Studju tal-Arti u / jew it-Taqsima ta' Boroż ta' Studju, bħala amministratur ta' din l-Iskema ta' Boroż ta' Studju dwar l-interpretazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti. Kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Appell għandha titqies bħala waħda finali u irrevokabbli għall-finijiet u l-għanijiet kollha tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju tal-Arti.

2.4 **L-applikant** huwa persuna li tissottometti applikazzjoni għal Borża ta' Studju.

2.5 **L-ACM** huwa l-Kunsill Malti għall-Arti.

2.6 **ASSB – Arts' Scholarship Selection Board** (Bord tal-Għażla għall-Boroż ta' Studju tal-Arti) huwa l-bord maħtur mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, fdat bl-għażla u l-gradazzjoni ta' applikanti għall-għoti ta' Boroż ta' Studju u s-sorveljanza tal-iskema.

2.7 **Benefiċjarju** huwa applikant li jingħata l-Boroż ta' Studju.

2.8 **Il-Korp li jipprovdi l-Għoti** jirreferi għal organizzazzjoni, rikonoxxuta mill-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali rilevanti, li l-iskop tagħha hu li tagħti kwalifiki akkreditati.

2.9 **Data tal-bidu tal-Borża ta' Studju** hija d-data kif speċifikata fl-Ittra ta' Aċċettazzjoni bla Kundizzjonijiet (ULA). Il-pagamenti lill-benefiċjari għandhom jiġu kkalkulati mid-Data tal-Bidu. Id-Data tal-Bidu tista' tiġi emendata fil-perjodu meta jkun qiegħed jiġi mfassal il-kuntratt, jekk it-Taqsima ta' Boroż ta' Studju jkollha provi biżżejjed li d-data tal-bidu tal-kors tkun differenti minn dik imniżżla fl-ULA mogħti sad-data tal-għeluq.

2.10 **Data tat-Tlestija** hija d-data meta jitlesta l-programm ta' studju u r-riżultat finali jiġi ppubblikat.

2.11 **Edukazzjoni Obbligatorja** hija l-programm ta' studji normalment segwit minn studenti ta' bejn 5 u 16-il sena u kif ordnat mid-Direttur Ġenerali, Direttorat għal Servizzi Edukattivi f'Malta.

2.12 **It-Tul tal-Kors** irid jiġi stabbilit mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta. Meta ma tkoprix ix-xhur sħaħ, il-fondi mħallsa jkunu *pro rata* għall-eqreb xahar. Għal aktar

definizzjoni ta' kif jiġi kkalkulat xahar, jekk jogħġbok ikkonsulta l-Klawżola 2.33 ta' dawn ir-Regolamenti.

2.13 **It-Tagħlim b'Korrispondenza** huwa metodu ta' studju li fih il-lekċers jixxandru, jew il-lezzjonijiet isiru b'korrispondenza, mingħajr il-bżonn li l-istudent jattendi fiżikament fi skola, kulleġġ jew istituzzjoni akkademika eċċ.

2.14 **Programm ta' Dottorat** huwa programm ta' studju f'edukazzjoni ogħla, marbut ma' riċerka u li jwassal għal lawrja fil-livell QMK 8.

2.15 **ECTS** hija s-Sistema Ewropea ta' Trasferiment ta' Kreditu.

2.16 **Data ta' Tmiem** hija d-data kif speċifikata fl-Ittra ta' Aċċettazzjoni bla Kundizzjonijiet jew id-data speċifikata fit-Traskrizzjoni kif maħruġa mill-Instituzzjoni ta' Edukazzjoni Ogħla / Università skont liema data tiġi l-aktar kmieni. Il-pagamenti huma kkalkulati biex ikopru l-perjodu mid-data tal-bidu sad-data tat-tmiem.

2.17 **L-Ewwel Lawrja (Kors tal-Ewwel Grad)** huwa programm ta' edukazzjoni ogħla tal-ewwel ċiklu li jwassal għal lawrja fil-livell QMK 6.

2.18 **Studji fuq bażi full-time** huma studji li jsiru full-time fuq il-kampus f'istituzzjoni rikonoxxuta. Dan jeskludi t-tagħlim jew l-istudju minn kwalunkwe post ieħor li mhux magħżul bħala parti mill-kampus tal-Istituzzjoni Edukattiva. Il-Bord jista' jitlob lill-Istituzzjoni tikkonferma l-preżenza fiżika u t-tul ta' żmien mgħoddi mill-persuna li qiegħda titħallas fil-kampus. Dawn għandhom jipprovdu dokumantazzjoni li turi li qegħdin jistudjaw full-time fil-kampus.

2.19 **Istituzzjoni ta' Edukazzjoni Għolja** (**HEI) / Università** hija entità li tipprovdi edukazzjoni ogħla u li hija rikonoxxuta mill-awtorità nazzjonali ta' pajjiż ospitanti bħala li tappartjeni għas-sistema ta' edukazzjoni ogħla tagħha u hija korp rikonoxxut b'setgħat ta' għoti ta' lawrja.

2.20 **ISCED** hija l-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni.

2.21 **Lawrja Konġunta** hija lawrja maħruġa minn tal-inqas żewġ Istituzzjonijiet Edukattivi li joffru programm integrat u rikonoxxut uffiċjalment fil-pajjiżi fejn

jinsabu l-istituzzjonijiet li jagħtu l-lawrja. Għall-fini ta' dawn ir-Regolamenti, meta applikant japplika għal Lawrja Konġunta, għandha tiġi identifikata Istituzzjoni Ewlenija. Il-Bord tal-Iskema ta' Boroż tal-Edukazzjoni Terzjarja għandu jirrikonoxxi Istituzzjoni Rikonoxxuta waħda biss.

2.22 **Għotja ta' Manteniment** hija għotja mogħtija bħala parti mill-Boroż ta' Studju u skont il-kundizzjonijiet kollha kif stabbiliti f'dawn ir-Regolamenti u fil-Ftehim.

2.23 **QMK (Qafas Malti għall-Kwalifiki – bl-Ingliż MQF)** hija l-qafas ta' traduzzjoni li jiffaċilita l-proċess li bih kwalifiki nazzjonali jkunu validi madwar l-Ewropa. Dan jippromwovi u jtejjeb il-mobilità tal-ħaddiema u tal-istudenti bejn il-pajjiżi u jiffaċilita t-tagħlim tul il-ħajja tagħhom.

2.24 **Kwalifika f'Livell QMK 5** hija kwalunkwe kwalifika msemmija fil-Livell 5 tal-Qafas tal-Kwalifiki ta' Malta minn MQRIC fi ħdan NCFHE. (ara 2.28 u 2.30)

2.25 **Kwalifika f'Livell QMK 6** hija kwalunkwe kwalifika msemmija fil-Livell 6 tal-Qafas tal-Kwalifiki ta' Malta minn MQRIC fi ħdan NCFHE. (ara 2.28 u 2.30)

2.26 **Kwalifika f'Livell QMK 7** hija kwalunkwe kwalifika msemmija fil-Livell 7 tal-Qafas tal-Kwalifiki ta' Malta minn MQRIC fi ħdan NCFHE. (ara 2.28 u 2.30)

2.27 **Kwalifika f'Livell QMK 8** hija kwalunkwe kwalifika msemmija fil-Livell 8 tal-Qafas tal-Kwalifiki ta' Malta minn MQRIC fi ħdan NCFHE. (ara 2.28 u 2.30)

2.28 **MQRIC** huwa ċ-Ċentru ta' Informazzjoni għar-Rikonoxximent ta' Kwalifiki ta' Malta fil-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Aktar u Ogħla (NCFHE)

2.29 **Programm Masters** huwa programm ta' edukazzjoni ogħla tat-tieni ċiklu li jwassal għal kwalifika fil-livell ta' Masters offruta minn Instituzzjoni Edukattiva Ogħla (bl-Ingliż HEI) (inkluż Università) b'minimu ta' 90 ECTS fil-QMK Livell 7.

2.30 **NCFHE** hija l-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla.

2.31 **Fuq il-kampus** tfisser attendenza fiżika fil-kampus f'Istituzzjoni Rikonoxxuta, minbarra t-tagħlim jew l-istudju li jsir minn kwalunkwe post ieħor li mhux magħżul bħala parti mill-kampus ta' Istituzzjoni Rikonoxxuta. Il-Bord tal-Għażla għall-Boroż ta' Studju tal-Arti jista' jitlob lill-Istituzzjoni Rikonoxxuta biex

tikkonferma l-preżenza fiżika u t-tul ta' żmien fil-kampus tal-benefiċjarju. F'każ li s-sottomissjoni ta' din id-dikjarazzjoni ma ssirx fi żmien ġimgħatejn, il-kors għandu jittieħed bħala kors ta' tagħlim part-time / b'korrispondenza u l-kundizzjonijiet pertinenti jiġu applikati.

2.32 **Studji fuq bażi part time** huma studji fejn l-istudent ma jissodisfax il-kriterji ta' student full-time.

2.33 ***Per annum*** - Tnax-il (12) xahar kalendarju. Meta programm ikun ta', per eżempju, disa' (9) xhur kalendarji, l-għotja għandha tingħata *pro rata* fuq dak in-numru ta' xhur. Sabiex jiġi evitat id-dubju fil-kalkolu tat-tifsira ta' xahar dak li qiegħed jitħallas għandu jqatta' ħmistax-il (15) jum jew iktar konsekuttivi sabiex ikun eliġibbli għal fondi li jkopru xahar.

2.34 **Kwalifika ta' wara l-Ewwel Grad** tfisser kull kors jew programm li jwassal għal Masters (QMK livell 7) jew Dottorat (QMK Livell 8).

2.35 **Il-miżati tal-produzzjoni** huma dawk l-ispejjeż fil-każ ta' korsijiet li jeħtieġu xogħol ta' produzzjoni f'studju / teatru / post tal-eżekuzzjoni. Dawn l-ispejjeż jistgħu jintalbu bħala parti mill-miżati tat-tagħlim u għandhom jiġu indikati fl-Ittra ta' Aċċettazzjoni Bla Kundizzjonijiet. Jekk il-produzzjoni hija miftuħa għal udjenza pubblika, id-dħul għall-produzzjoni għandu jkun b'xejn għall-udjenza msemmija. L-approvazzjoni ta' dawn il-miżati hija soġġetta għad-diskrezzjoni tal-Bord tal-Għażla għall-Boroż ta' Studju tal-Arti.

2.36 **Istituzzjoni jew Istituzzjonijiet Rikonoxxuti** hija stabbiliment li jipprovdi taħriġ u edukazzjoni fl-oqsma tal-arti u li huwa rikonoxxut reċiprokament mill-MQRIC. Meta l-MQRIC joħroġ dikjarazzjoni ta' evalwazzjoni li tindika li l-Istituzzjoni mhijiex rikonoxxuta, dik id-dikjarazzjoni ta' evalwazzjoni għandha titqies bħala finali u konklużiva. L-approvazzjoni tal-Istituzzjonijiet u l-programmi tista' tintalab mill-Kunsill Malti għall-Arti biss meta l-MQRIC ma jkunx jista' joħroġ dikjarazzjoni bħal din ta' għarfien / evalwazzjoni.

2.37 **Programm ta' Studju Rikonoxxut / Programm ta' Studji** huwa, għall-iskop ta' dawn ir-Regolamenti, kull studju provdut minn Istituzzjoni Rikonoxxuta fl-oqsma tal- arti. Il-programm ta' studju għandu jkun rikonoxxut mill-MQRIC. Meta l-MQRIC joħroġ dikjarazzjoni ta' evalwazzjoni li tindika li l-Programm ta' Studju mhux rikonoxxut, dak ir-rapport għandu jitqies bħala finali u konklużiv.

L-approvazzjoni tal-Programm ta' Studju tista' tintalab mill-Kunsill Malti għall-Arti biss meta l-MQRIC ma jkunx jista' joħroġ dikjarazzjoni ta' evalwazzjoni bħal din.

2.38 **Boroż ta' studju** huma għotja ta' għajnuna finanzjarja għal student għal edukazzjoni ulterjuri f'qasam speċjalizzat tal-arti. Fl-aħħar tal-borża ta' studju, il-benfiċjarju għandu jissottometti prova dokumentata li hu / hi temm/temmet b'suċċess il-programm ta' studji li għalihom il-persuna kkonċernata tkun ingħatat Borża ta' Studju. Il-prova għandha tintbagħat lill-amministratur tal-Iskema sa mhux aktar tard minn xahrejn (2) mill-konklużjoni tal-kors li għalih tkun ingħatat u li fih tkun intużat il-Borża ta' Studju.

2.39 **L-Istudji** huma x-xogħol kollu meħtieġ biex titwettaq u titlesta l-lawrja mill-benefiċjarju, għas-sodisfazzjon tal-Istituzzjoni li fiha huwa rreġistrat il-benefiċjarju. L-istudji għandhom ikunu l-istess bħal dawk li oriġinarjament saret applikazzjoni għalihom fil-Formola tal-Applikazzjoni, kif mogħtija mill-Bord tal-Għażla tal-Boroż tal-Arti, u kif miftiehem fil-Ftehim.

2.40 **Traskrizzjoni** hija l-istess bħal Rekord Akkademiku / Rekord Professjonali.

2.41 **Il-Ħlas għat-Tagħlim** jinkludi l-iskrizzjoni, ir-reġistrazzjoni, l-eżami u kull ħlas ieħor li l-Amministratur jista' jqis bħala li relevanti għat-tlestija b'suċċess tal-kors u kif impost mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta. Ħlasijiet anċillari, inklużi miżati għall-użu ta' servizzi pprovduti mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta u assigurazzjonijiet m'għandhomx ikunu koperti. Il-miżati għat-tagħlim koperti għandhom ikunu dawk imposti direttament mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta kif approvat mill-Bord tal-Għażla .

Kwalunkwe żjieda sussegwenti fil-Ħlasijiet għat-Tagħlim ma tistax tintalab mill-benefiċjarju jew mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta jekk mhux inkluża fl-Ittra ta' Aċċettazzjoni bla Kundizzjoni sottomessa sad-data tal-għeluq. Il-miżati għat-tagħlim għandhom jitħallsu mal-preżentazzjoni ta' **fattura oriġinali u rċevuta oriġinali.** *(Jekk jogħġbok irreferi wkoll għad-definizzjoni ta' Ittra ta' Aċċettazzjoni bla Kundizzjonijiet hawn taħt.)* Fil-każ ta' applikanti li jħallsu l-Miżati ta' Tagħlim qabel l-għotja tal-Boroż ta' Studju, dawn għandhom jiġu rifużi biss għal din il-Miżata ta' Tagħlim, u tali rifużjoni għandha sseħħ biss wara l-approvazzjoni tal-

Bord tal-Għażla wara l-preżentazzjoni tal-irċevuta uffiċjali oriġinali jew ekwivalenti mill-istituzzjoni rikonoxxuta.

2.42 **Ittra ta' Aċċettazzjoni Bla Kundizzjonijiet (ULA)** hija ittra maħruġa mir-Reġistratur (jew minn awtorità għolja nominata) tal-Istituzzjoni Rikonoxxuta li għandu jkollha d-dettalji li ġejjin:

- Dikjarazzjoni ċara mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta li qiegħda taċċetta mingħajr l-ebda kundizzjoni lill-Applikant biex isegwi Programm Speċifiku ta' Studji Rikonoxxut;
- **Id-Data tal-Bidu** tal-Programm ta' Studji Rikonoxxut;
- **Id-Data tat-Tmiem** tal-Programm ta' Studji Rikonoxxut (li għandha tfisser meta l-programm ta' studji huwa mistenni li jitlesta) jew it-tul tal-kors;
- **Il-Miżati għat-Tagħlim** (jekk applikabbli) għandhom jiġu indikati fuq l-ULA u mhux permezz ta' link elettroniku. L-applikant għandu jinnota li l-ftehim li għandu jiġi ffirmat fi stadju aktar tard għandu jinkludi biss l-informazzjoni dwar l-ULA. L-Amministratur tal-Boroż ta' Studju m'għandux jaċċetta emendi għall-Ftehim għajr dawk li jirriflettu l-informazzjoni u / jew id-data ddikjarata b'mod ċar fuq l-ULA oriġinali. Il-miżati mħallsa bħala miżati huma l-ammont muri fuq l-ULA sottomess sad-data tal-għeluq.
- **Spejjeż / Miżati tal-Produzzjoni** (jekk applikabbli) għandhom jiġu indikati
- **Il-modalità tal-Istudju** (jiġifieri jekk hux tagħlim b'korrispondenza jew studji fuq bażi part-time jew full-time);
- **In-numru ta' Krediti / Numru ta' ECTS** li jappartjenu għall-programm ta' studju jew in-numru ta' sigħat fil-każ ta' Programmi ta' Taħriġ.

**L-APPLIKANTI KOLLHA** huma obbligati li jissottomettu l-Ittra ta' Aċċettazzjoni Bla Kundizzjonijiet (ULA) sal-Ġimgħa, t-23 ta' Awwissu, 2019 sa mhux aktar tard mill-12:00 (ħin lokali). Applikanti li bdew l-istudji tagħhom qabel id-data tal-applikazzjonijiet huma obbligati li jissottomettu ittra li jkun fiha l-istess informazzjoni bħal hawn fuq kif ukoll l-istadju li fih l-applikant jinsab fid-data tal-applikazzjoni.

**Huwa d-dmir tal-Applikanti li jaraw li meta jagħżlu Istituzzjoni Rikonoxxuta, l-Istituzzjoni hija f'pożizzjoni li toħroġ Ittra ta' Aċċettazzjoni Bla Kondizzjoni bħal din deskritta hawn fuq. Dan għandu jkun fil-forma ta' ittra oriġinali, iffirmata mir-Reġistratur (jew awtorità ddelegata għolja). Kopji skennjati, kopji f'format PDF jew f'format ieħor trasmess elettronikament għandhom jiġu aċċettati PROVIŻORJAMENT skont il-Klawżola 4.7 sakemm il-kopja oriġinali tal-ULA**

**għandha tiġi ppreżentata qabel l-iffirmar tal-Ftehim u kif stipulat fil-Klawżola 4.7.**

**Fil-każ li l-Istituzzjoni Rikonoxxuta toħroġ biss kopji elettroniċi tal-ULA, dan id-dokument għandu jintbagħat direttament mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta lill-Uffiċċju tal-Boroż tal-Arti ta' Malta. Kopji tal-ULA skennjati jew mibgħuta mill-applikant ma jistgħux jiġu aċċettati. M'għandhomx jiddaħħlu spejjeż addizzjonali fil-Ftehim minbarra dawk iddikjarati fl-ULA sottomessi sal-23 ta' Awwissu, 2019 sa nofsinhar (ħin lokali).**

## 3. Eliġibbiltà

3.1 Sabiex ikunu jistgħu japplikaw għal Borża ta' Studju tal-Arti, l-applikanti għandhom, sad-data tal-għeluq tal-applikazzjoni, jiġifieri sas-7 ta' Awwissu 2019:

3.1.1 (a) ikunu ċittadini Maltin li ilhom joqogħdu f'Malta għal dawn l-aħħar ħames (5) snin. Jekk ċittadini Maltin kienu joqogħdu barra minn Malta għal skopijiet ta' studju, saħħa jew xogħol jew xi skop ieħor li l-Bord tal-Għażla jista' jikkunsidra, xorta jkunu eliġibbli biex japplikaw, u dan il-perjodu ta' żmien li matulu ċ-ċittadini kienu barra mill-pajjiż ma jiġix ikkunsidrat għall-fini ta' rekwiżit ta' ħames (5) snin; jew

(b) ikunu ċittadini Maltin li huma ħaddiema jew persuni li jaħdmu għal rashom f'Malta, jew

(ċ) ikunu ċittadini ta' stat tal-UE/ EEA jew membri tal-familja ta' ċittadin tal- UE/EEA (kif definit f'LS460.17 u f'LS217.04 rispettivament għaċ-ċittadini tal-UE u EEA), sakemm dawk il-persuni jkunu kisbu residenza permanenti f'Malta skont LS.460.17 u LS.217.04 rispettivament għaċ-ċittadini tal-UE u tal-EEA; jew

(d) ikunu ċittadini ta' stat tal-UE/EEA li jkunu f'Malta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom bħala ħaddiema, persuni li jaħdmu għal rashom jew persuna li żżomm dan l-istatus skont LS460.17; jew

(e) ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw status ta' residenza fit-tul f'Malta skont ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status

ta' Residenti fit-Tul (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)" jew li ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tiegħu, flimkien ma' membri tal-familja jekk tali ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw permess ta' residenza taħt ir- "Regolamenti tal- 2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familja";

U

(f) japplikaw għal programm ġdid ta' kors / taħriġ li jibda matul l-2019 ta' mhux anqas minn 9 xhur jew għal programm ta' studju li jwassal għal QMK Level 5, jew QMK Level 6 jew QMK Level 7 jew QMK Level 8; sakemm il-livell tal-kors ikun determinat mill-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (NCFHE), jew

(ġ) Diġa' jkunu fi programm ta' studji fil-Livelli QMK 5, 6, 7 jew 8, IMMA d-data tat-tmiem tal-istudji tkun fl-2020 jew wara. F'tali każ, l-applikanti huma eliġibbli għal finanzjament għas-snin li fadal li jibdew mid-data tal-pubblikazzjoni tal-klassifiki. L-applikanti għandhom ikunu obbligati li jissottomettu ULA skont il-Klawżola 2.42.

(g) Programmi professjonali jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll.

(għ) L-applikanti għandu jkollhom ħdax-il (11) sena u aktar.

3.2. L-applikanti għandu jkollhom rekord ippruvat fid-dixxiplina tal-arti fejn ikunu qegħdin ifittxu aktar speċjalizzazzjoni.

3.3 L-applikanti għandhom japplikaw għal programmi ta' studju li jwasslu għal livell speċjalizzat fl-arti espressiva.

3.4 L-applikanti għandhom japplikaw għal Programm ta' Studju Rikonoxxut f'istituzzjoni rikonoxxuta.

3.5 L-applikanti għandhom jibdew il-programm ta' studju tagħhom li jkun sar applikazzjoni għalih bejn l-1 ta' Jannar 2019 u l-31 ta' Diċembru 2019.

3.6 Tingħata preferenza lil applikanti li jkunu qegħdin japplikaw għall-ewwel darba taħt din l-iskema, sakemm ma jkunux qegħdin japplikaw biex isegwu Programm ta' Taħriġ / Programm ta' Studju f'livell ogħla.

3.7 L-applikanti li, sad-data tal-għeluq tal-applikazzjoni għadhom għaddejjin minn programm ta' studju jistgħu xorta japplikaw. Iżda dan li programm jeħtieġ li jiġi konkluż, u r-riżultati jiġu ppubblikati sal-bidu ta' Diċembru 2019, qabel ma jidħol fi ftehim jekk tingħatax Borża ta' Studju fl-Arti. Jekk l-imsemmi programm huwa ratifikat fl-istess livell ta' dak li għalih saret l-applikazzjoni, minkejja l-klassifikazzjoni miksuba, dak l-applikant / benefiċjarju jsir ineliġibbli fuq il-bażi tal-Klawżola 3.6 deskritta aktar qabel.

3.8. Applikazzjonijiet minn minorenni jiġu aċċettati biss jekk l-applikazzjoni tiġi sottomessa mill-ġenituri jew mill-gwardjani legali tagħhom li jindikaw il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tagħhom għall-parteċipazzjoni fl-Iskema.

3.9 Għal applikanti taħt is-16-il sena, il-kustodju legali huwa marbut li jiffirma dikjarazzjoni separata li l-minorenni se jkompli jsegwi l-edukazzjoni obbligatorja matul il-perjodu tal-Borża ta' Studju.

3.10 Applikazzjonijiet sottomessi minn impjegati tas-Servizz Pubbliku jew mis-Settur Pubbliku lokali huma meħtieġa li jagħmlu talba formali bil-miktub lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru rispettiv tagħhom permezz tal-Kap tad-Dipartiment / Direttorat tagħhom fir-rigward ta' eliġibbilità biex jikkonfermaw jekk il-perjodu ta' assenza skużata mħallsa jew mhux imħallsa, għat-tul tal-kors, diġà ġiet approvata taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet kif stabbiliti mill-Ministeru konċernat.

3.10.1 Fil-każ ta' applikanti magħżula li huma impjegati fuq kuntratti ta' xogħol *full-time* u li jirċievu ħlas għal assenza skużata, l-għotja għandha tkun ristretta biex tkopri l-miżati tat-tagħlim biss. F'tali każijiet, l-ebda konċessjoni għall-manutenzjoni ma tkun provduta.

3.11 Applikanti li japplikaw għal Programm ta' Taħriġ / Programm ta' Studju li diġà għandhom għotjiet pubbliċi nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea (jew taħlita tat-tnejn) jew Boroż ta' Studju nazzjonali / UE / Commonwealth (jew taħlita) għall-istess programm / programm ta' taħriġ ta' studju għandhom jitqiesu bħala mhux eliġibbli li japplikaw taħt din l-iskema jekk mhux notifikati u approvati mill-Bord.

Kwalunkwe Boroż ta' Studju jew għotjiet supplimentari oħra mogħtija lill-benefiċjarju tal-Boroż ta' Studju għandhom jiġu nnotifikati lil u approvati mill-

Bord tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju tal-Arti, kemm jekk dawn ikunu mogħtija lill-applikant qabel l-Iskema Boroż ta' Studju tal-Arti f'Malta jew matul il-perjodu kollu kopert mill-Borża ta' Studju. Fil-każ li applikant jingħata Borża ta' Studju fl-Arti, u l-SMGSU tiskopri, wara l-għotja ta' tali Borża ta' Studju, li l-benefiċjarju, kemm qabel l-għoti tal-Boroż tal-Arti, jew anke wara, qiegħed jirċievi kwalunkwe għotja pubblika nazzjonali / UE jew boroż ta' studju nazzjonali / UE, il-benefiċjarju tal-Boroż ta' Studju għandu jkun obbligat li jrodd lura l-ammonti kollha sa dakinhar imħallas lilu / lilha jew f'ismu/isimha, u dan mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni legali oħra li tista' tittieħed fir-rigward tiegħu / tagħha.

3.12 Applikanti li għandhom għotjiet pubbliċi nazzjonali / UE (jew taħlita tat-tnejn) oħra jew Boroż ta' Studju nazzjonali / UE / Commonwealth (jew kombinazzjoni) għal kors jew programm differenti, għandhom itemmu l-ewwel kors u jissodisfaw l-obbligi kuntrattwali kollha qabel tingħata l-għotja tat-tieni Borża ta' Studju (fuq livell ogħla).

3.13 Applikanti ma jibqgħux eliġibbli għal Borża ta' Studju jekk ikunu qegħdin jiksru xi parti minn dawn ir-Regolamenti.

## 4. Tipi ta' Boroż ta' Studju

4.1 L-iskema tappoġġja programmi ta' studji speċjalizzati kif speċifikat fil-klawżola 1.2. aktar 'il fuq. Il-programm ta' studju għandu jwassal għal kwalifika u jista' (imma mhux neċessarjament) iwassal għal Diploma, Kwalifika tal-Ewwel Grad, Grad Konġunt jew għal Kwalifika ta' Wara l-Ewwel Grad.

4.2 Il-Programm ta' Studju li għalih saret l-applikazzjoni għandu jseħħ f'Istituzzjoni Rikonoxxuta u għandu jkun Programm ta' Studju Rikonoxxut[1].

4.3 L-iskema Boroż ta' Studju tal-Arti f'Malta tappoġġja programmi ta' studji *full-time* li jsiru fiżikament fuq kampus, programmi *part-time* u programmi ta' tagħlim b' korrispondenza.

[1] Ara Klawżoli 2.36 u 2.37 għal definizzjoni ta' Instituzzjoni Rikonoxxuta u Programma ta' Studju Rikonoxxut rispettivament għall-fini ta' dawn ir-Regolamenti.

4.4 Fil-każ ta’ applikanti li jsegwu programmi ta' studji fi, jew permezz ta’, Istituzzjoni Rikonoxxuta lokali, għandhom japplikaw biex isegwu programm ta' studju f’Livell QMK 5 jew ogħla.

4.5 L-iskema Boroż ta’ Studju tal-Arti f’Malta tappoġġja programmi ta’ studji *full-time* sa massimu ta’ tmienja u erbgħin (48) xahar kalendarju imma mhux inqas minn sena akkademika waħda, jiġifieri ma tkunx inqas minn tmien (8) xhur kalendarji.

4.6 L-Iskema ta’ Boroż ta' Studju tal-Arti ta’ Malta għandha tappoġġja wkoll programmi ta' tagħlim part-time / distanza ta’ studji sa massimu ta' durata ta’ sittin xahar kalendarju (60) fil-każ ta' QMK Levels 5, 6, u 7 u sa massimu ta’ tmenin erba’ (84) xhur kalendarji fil-każ ta' QMK 8.

4.7 L-aħħar ġurnata tas-sottomissjoni tal-Ittra ta’ Aċċettazzjoni bla Kundizzjonijiet hija t-23 ta' Awwissu 2019 nofsinhar (ħin lokali). Din l-ULA trid tiġi ipprovduta minn waħda mill-Istituzzjonijiet Rikonoxxuti elenkati fil-Formola tal-Applikazzjoni. L-applikant għandu jaċċetta li jgħaddi mill-istudji fl-Istituzzjoni li għalihom hija sottomessa ULA sad-data tal-għeluq tat-23 ta’ Awwissu 2019. Jekk l-applikant jippreżenta aktar minn ULA waħda sad-data tal-għeluq, huwa/hija għandu għandha j/tagħżel l-Istituzzjoni fejn jgħaddi l-istudji tiegħu / tagħha. Din id-deċiżjoni għandha tiġi kkomunikata bil-miktub mill-applikant lill-Bord tal-Għażla fi żmien jumejn tax-xogħol wara l-iskadenza. Fin-nuqqas tal-Applikant milli jikkomunika l-Istituzzjoni magħżula lill-Bord tal-Għażla, l-istess Bord jirriserva d-dritt li jagħżel l-Istituzzjoni. F'dan il-każ, id-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla hija irrevokabbli. L-Istituzzjoni magħżula għandha toffri l-Programm ta’ Studju li fuqu saret l-intervista.

4.8 Jekk l-applikant huwa mitlub jattendi għal awdizzjoni, intervista jew xi test ieħor qabel tinħareġ Ittra ta’ Aċċettazzjoni Kondizzjonali, hija r-responsabbiltà tal-Applikant li jiffinanzja l-awdizzjoni / l-intervista /it-test tiegħu / tagħha.
Tali ammonti ma jistgħux jiġu rifużi bħala parti mill-Boroż ta’ Studju jekk dan eventwalment jingħata.

4.9 L-aċċettazzjoni b'suċċess minn Istituzzjoni Rikonoxxuta biex issegwi Programm ta’ Studju Rikonoxxut ma tistax tiġi interpretata bħala kwalifika awtomatika għal Borża ta’ Studju taħt din l-iskema.

## 5 Iż-Żamma u l-Allokazzjoni

5.1 Il-benefiċjarji jistgħu jibbenefikaw minn għotjiet fi kwalunkwe istituzzjoni rikonoxxuta lokali jew internazzjonali għal programm speċifiku ta' studju jew taħriġ. Dawk l-istituzzjonijiet rikonoxxuti mill-awtoritajiet Maltin biss għandhom jiġu kkunsidrati mill-Bord tal-Għażla ta' Boroż ta' Studju tal-Arti.

5.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti, li jipproduċu stqarrija ta' evalwazzjoni dwar ir-rikonoxximent tal-istituzzjoni (kemm lokali kif ukoll barranija) u l-komparabilità tal-kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru ta' Informazzjoni ta' Rikonoxximent tal-Kwalifika ta' Malta (MQRIC) fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Aktar u Ogħla (NCFHE) għaż-żewġ kwalifiki diġà miksuba u wkoll għall-kwalifika prospettiva li tapplika biex issegwi / tinqara taħt din l-iskema mogħtija jew mogħtija minn istituzzjonijiet lokali jew / u barranin.

Kopja tad-dikjarazzjoni msemmija maħruġa mill-MQRIC, għandha tittella' fl-applikazzjoni, bl-oriġinal ippreżentat waqt l-intervista. Applikanti li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni xorta għandhom jappikaw, basta jibagħtu kopja tar-rapport lill-Ufficcju tal-Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti u Boroż ta' Studju sa mhux aktar tard mit-23 ta' Awwissu, 2019 f' nofsinhar (Ħin Lokali).

5.3 L-MQRIC jista' jiġi kkuntattjat kif ġej:

**Ċentru ta' Informazzjoni għar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki ta' Malta (MQRIC) / Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Aktar u Ogħla (NCHFE)**
**Binja Sir Temi Zammit**
**Park tax-Xjenza tal-Ħajja f'Malta**
**San Gwann SGN3000**

**Telefon: (+356) 2381 0200/2381 0000**
**Ijmejl: qric.malta@gov.mt**
**Paġna elettronika: www.ncfhe.gov.mt**

## 6. Amministrazzjoni tal-Iskema ta' Boroż ta' Studju tal-Arti

6.1 L-Iskema ta' Boroż fl-Arti hija amministrata mill-Uffiċċju għall-Għotjiet ta' Manteniment u Boroż ta' Studju fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

6.2 Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lil:

**L-Amministratur Skema ta' Boroż ta' Studju tal-Arti f'Malta**
**Uffiċċju għall-Għotjiet ta' Manteniment u Boroż ta' Studju,**
**Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol**
**Kamra 112, Triq l-Assedju l-Kbir,**
**Il-Florjana VLT 2000, Malta**

**Telefon: (+356) 2598 2111**
**E-mail: artsscholarships.mede@gov.mt**
**Websajt: www.myscholarship.gov.mt.**

## 7. Formoli ta' Applikazzjoni

7.1 Applikanti b'talent artistiku eċċezzjonali (kif identifikati fil-Klawżoli 1.2 u 3.3) huma mistiedna japplikaw billi jużaw l-applikazzjoni elettronika onlajn xierqa fuq: **www.myscholarship.gov.mt.**

Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jiżgura li l-applikazzjoni tintbagħat b'suċċess, li tinżamm kopja stampata tal-Formola tal-Applikazzjoni u li tinżamm ukoll kopja tar-rikonoxximent iġġenerat elettronikament. Din għandha tkun il-prova għall-Applikant li Applikazzjoni hija sottomessa b'suċċess onlajn.

Id-dokumenti li għandhom jittellgħu bl-Applikazzjoni onlajn għandhom jinkludu dan li ġej:

i) kopja waħda tal-*Curriculum Vitae* f'format elettroniku PDF;

ii) kopja waħda tat-traskrizzjonijiet tal-Università / Istituzzjoni Edukattiva tal-applikant (fejn applikabbli);

iii) kopja waħda tal-ittra ta' Aċċettazzjoni bla Kundizzjonijiet mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta li għaliha saret l-applikazzjoni (ULA) (jekk din tkun disponibbli fil-ħin tal-applikazzjoni);

iv) kopja waħda tar-rapport ta' evalwazzjoni MQRIC (jekk dan ikun disponibbli fil-ħin tal-applikazzjoni)

v) kopja waħda ta' rapport tal-profil personali skont il-kampjun mehmuż mal-Formola tal-Applikazzjoni;

vi) kwalunkwe dokumentazzjoni oħra li tista' tassisti lill-Bord tal-Għażla biex tivvaluta aħjar il-mertu artistiku tal- Applikant (jekk applikabbli);

vii) dikjarazzjoni ffirmata mill-kustodju legali jekk l-applikant huwa taħt it-18-il sena sas-7 ta' Awwissu, 2019.

7.2 Dokumenti ta' sostenn rikjesti mill-Amministratur u li ma jittellgħux bl-applikazzjoni onlajn huma meħtieġa li jaslu fl-indirizz li ġej:

**Uffiċċju għall-Għotjiet ta' Manteniment u Boroż ta' Studju,**
**Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol**
**Kamra 207, Triq l-Assedju l-Kbir,**
**Il-Florjana VLT 2000, Malta**

L-għeluq tal-applikazzjoni huwa nhar l-Erbgħa, 7 ta' Awissu 2019 f'nofsinhar (Ħin lokali). Id-dokumenti ta' sostenn kollha msemmija fl-Artikolu 7 ta' dawn ir-regolamenti huma meħtieġa li jaslu sa din id-data u l-ħin fl-indirizz speċifikat hawn fuq. Jekk jintbagħtu bil-posta, huwa importanti li dawn id-dokumenti jintbagħtu permezz ta' posta rreġistrata. Il-Bord tal-Għażla MA JINŻAMMX RESPONSABBLI jekk id-dokumenti mibgħuta bil-posta jaslu tard.

Huwa importanti ħafna li wieħed jinnota li l-verifika finali tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni se tkun ibbażata fuq ir-reġistri uffiċjali tas-sistema.

7.3 L-applikazzjonijiet onlajn kollha għandhom jinkludu Portafoll li jista' jiġi ppreżentat bħala weblink jew bħala fajl elettroniku. F'każ li se jintuża fajl dan irid tkun mehmuż mal-applikazzjoni. Il-Portafoll għandu jinkludi mill-inqas tliet (3) rappreżentazzjonijiet differenti li juru l-kisbiet artistiċi tal-applikant.

7.4 Applikazzjoni ma titqiesx kompluta jekk il-portafolli u r-Rapporti tal-Profil Personali ma jiġux inklużi mal-applikazzjoni kif mitlub. Għalhekk l-applikazzjoni se titqies bħala ineliġibbli.

7.5 Applikazzjonijiet onlajn biss sottomessi permezz tal-portal uffiċjali jiġu aċċettati sad-data tal-għeluq. Formola ta' applikazzjoni waħda biss tista' tiġi ikkunsidrata mill-Bord tal-Għażla. Jekk applikant jissottometti iktar minn applikazzjoni waħda l-aħħar waħda sottomessa għandha tiġi ikkunsidrata.

7.6 Id-data tal-għeluq tal-applikazzjoni hija s-7 ta' Awwissu 2019, f'nofsinhar (ħin lokali).

7.7 Applikazzjonijiet li jiddaħħlu tard ma jiġux ikkunsidrati mill-Bord tal-Għażla.

## 8. Proċess ta' Għażla

8.1 Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol jaħtar Bord tal-Għażla għall-Boroż ta' Studju tal-Arti biex imexxi l-proċess tal-għażla.

8.2 Huwa d-dmir tal-Bord tal-Għażla li jiddetermina jekk il-programm ta' studju propost iwassalx għal livell speċjalizzat fi kwalunkwe arti.

8.3 Il-Bord tal-Għażla huwa responsabbli għall-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw il-proċess tal-għażla u d-determinazzjoni tal-għoti xieraq ta' Boroż ta' Studju skont ir-regolamenti u s-sorveljanza tal-iskema.

8.4 Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol għandu jaħtar ukoll il-Bord tal-Appelli tal-Boroż ta' Studju biex jittratta l-oġġezzjonijiet imressqa mill-applikanti wara li jkunu infurmati bil-miktub bid-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Għażla.

8.5 Ir-rwol tal-Bord tal-Għażla huwa li jevalwa u jagħżel l-applikanti skont il-kriterji deskritti fil-klawżola 9.1. Il-persentaġġ relattiv ta' fondi allokat lil studenti li għadhom m'ottjenewx lawrja u lil studenti li diġa ottjenew lawrja huwa għad-diskrezjoni tal-Bord tal-Għażla.

8.6 Fejn meħtieġ, il-Bord tal-Għażla għandu jaħtar espert b'għarfien espert fil-qasam artistiku kkonċernat biex jevalwa l-applikazzjoni u jekk meħtieġ dan l-espert huwa mistieden biex ikun preżenti waqt l-intervista.

8.7 Jekk l-applikant, fil-formola tal-applikazzjoni sottomessa, iniżżel Programmi ta' Studji differenti, l-istess applikant, sad-data tal-intervista, irid jagħżel il-Programm ta' Studju li fuqu għandu jkun intervistat. Wara d-data tal-intervisti, l-applikant ma jistax jibdel il-Programm ta' Studju li jkun ġie intervistat fih.

8.7.1 L-Ittra ta' Aċċettazzjoni Bla Kundizzjonijiet li għandha tiġi aċċettata sad-data tal-għeluq għandha tkun limitata għall-Programm ta' Studju wieħed li fih saret l-intervista.

8.8 Il-Bord tal-Appelli tal-Boroż ta' Studju għandu jindirizza biss appelli minn deċiżjonijiet meħuda mill-Bord tal-Għażla fuq kwistjonijiet relatati mal-proċedura

jew mal-interpretazzjoni tar-regolamenti, f'termini ta' eliġibbiltà, għotjiet, u deċiżjonijiet oħra relatati mal-għoti ta' Boroż ta' Studju.

Il-Bord tal-Appell, taħt l-ebda ċirkostanza, m'għandu jibdel il-punteġġ tal-applikanti maħruġa mill-intervisti mill-Bord tal-Għażla, u lanqas ma jibdel il-klassifika ta' applikant bħala riżultat ta' tali punteġġ.

8.8.1 Jekk applikant ma jaqbilx ma' deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla jew ma' xi proċedura oħra taħt dawn ir-Regolamenti, l-applikant jista' jippreżenta appell lill-Bord tal-Appell fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol mid-data minn meta l-Bord tal-Għażla jew l-Amministratur jikkomunikaw id-deċiżjoni lill-Applikant bil-miktub permezz ta' posta rreġistrata.

8.9 Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli tal-Boroż ta' Studju hija finali.

## 9. Kriterji tal-Għażla

9.1 L-applikazzjonijiet huma kkunsidrati fuq il-bażi tal-kriterji ta' għażla li ġejjin:

- Il-mertu artistiku tal-applikant[2]; (*100 marka*)
- L-għanijiet personali fil-qasam tal-arti; (*140 marka)*
- L-impatt probabbli fuq l-Iżvilupp tal-Arti, u l-Industrija Kulturali u Kreattivi f'Malta; (*125 marka*)
- Ir-reputazzjoni tal-Istituzzjoni magħżula mill-applikant; (*50 marka*)
- Mertu Akkademiku (*85 marka*)

9.2 L-applikanti eliġibbli jissejħu għal intervista u għal awdizzjoni skont il-ħtieġa. Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jkun/tkun disponibbli fid-data u l-ħin ikkomunikati lilu/lilha għall-intervista. M'għandhom isiru l-ebda arranġamenti oħra biex jinbidlu d-data u l-ħin tal-intervista, sakemm ma jkunx hemm ċirkustanza eċċezzjonali (appoġġjata minn prova bil-miktub) li tiġġustifika l-bidla fid-data u l-ħin.

Iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija hawn fuq għandhom jiġu eżaminati, u data

[2] Konsiderazzjoni tingħata għall-Portafoll ippreżentat mal-Applikazzjoni.

u ħin alternattivi bħal dawn jistgħu jiġu approvati mill-Bord tal-Għażla, fid-diskrezzjoni tiegħu.

9.3 Fil-każ ta' applikanti li ma jattendux għall-intervista / awdizzjoni mingħajr ma javżaw minn qabel lill-Amministratur tal-Boroż ta' Studju, il-Bord għandu jinterpreta l-assenza tagħhom bħallikieku m'għadhomx interessati fl-applikazzjoni tagħhom għall-Boroż ta' Studju tal-Arti.

9.4 Applikanti għall-Arti u d-Disinn jistgħu jipproduċu xogħol minn osservazzjoni diretta (hands-on) fil-forma ta' *Short Pose in Life Drawing*, bħala parti mill-intervista.

9.4.1 Awdizzjonijiet ma jistgħux isiru permezz ta' SKYPE. L-applikant irid ikun fiżikament preżenti fil-bini magħżul.

9.4.2 Il-Bord tal-Għażla u l-MEDE mhumiex responsabbli għal kwalunkwe ħsara li tista' sseħħ waqt l-awdizzjonijiet.

9.5 Fil-każ ta' applikanti li ma jistgħux jattendu fid-data u l-ħin partikolari għall-intervista minħabba li jkunu barra l-pajjiż, dawn l-intervisti jistgħu jsiru permezz ta' SKYPE biss fid-data u l-ħin partikolari. Huwa l-applikant li għandu jiżgura li l-konnessjonijiet vidjow u awdjo, min-naħa tiegħu / tagħha, huwa adegwat biex issir intervista xierqa matul il-ħin kollu. Il-Bord ma jistax jassumi responsabbiltà jekk il-konnessjoni ma tkunx adegwata għal intervista xierqa u mhux interrotta.

9.6 Il-Bord tal-Għażla jirriżerva d-dritt li jippubblika l-ismijiet u n-Numri tal-Karta tal-Identita' ta' applikanti li jiksbu marka li hija 50% jew aktar tal-marka globali. L-ismijiet u n-Numri tal-Karta tal-Identita' jistgħu jiġu ppubblikati fuq il-bord tal-avviżi prinċipali, websajts u pubblikazzjonijiet tal-Uffiċċju għall-Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti u Boroż ta' Studju - Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Fl-applikazzjoni għall-Borża ta' Studju, l-applikant jagħti l-kunsens għall-pubblikazzjoni ta' ismijiet u numri tal-Karta ta' Identita' fil-każ li l-applikant jikseb tali marka. Sabiex jiġi evitat id-dubju, wara li jkun issottometta l-applikazzjoni, l-applikant għandu jitqies li jkun ta l-kunsens tiegħu fir-rigward tal-pubblikazzjoni tal-informazzjoni personali tiegħu / tagħha, skont l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data.

9.7 Hija l-prattika li meta applikant iġib marka li tkun inqas minn 50% tal-marka globali, in-numru tal-Karta tal-Identita' tal-Applikant biss jiġi ppubblikat.

9.8 Applikant li jikseb 50% tal-marka globali mill-intervista ma jfissirx li jikkwalifika awtomatikament għal Borża ta' Studju.

9.9 Il-Fond għall-Boroż ta' Studju tal-Arti jinqasam f'żewġ kategoriji. Kategorija waħda hija riservata għall-applikanti li qegħdin fi programmi ta' studji li jwassal għal kwalifika f'Livell QMK 7 jew ogħla. Il-kategorija l-oħra hija riservata għal applikanti li jipproponu li jsegwu programmi ta' studju li ma jaqbżux il-Livell QMK 6.

Programmi ta' Studji approvati mill-Kunsill Malti għall-Arti skont kif hemm deskritt fi klawżola 2.5 għandha taqa' taħt it-tieni kategorija. Matul il-proċess tal-għażla, il-Bord tal-Għażla jista' jċaqlaq fondi mhux utilizzati minn kategorija għal oħra.

## 10. Valur tal-Għotjiet

10.1 L-għotjiet taħt l-Iskema ta' Boroż ta' Studju tal-Arti ta' Malta jinqasmu f'żewġ komponenti: Miżati għat-Tagħlim u Għotjiet ta' Manteniment. Kull waħda minn dawn l-għotjiet hija deskritta fit-taqsimiet li ġejjin:

| Livell ta' Programm | Data tal-Bidu | Modalita' | Tul ta' Żmien Massimu għall-Għotjiet ta' Manteniment | Għotja skont il-Borża ta' Studju |
|---|---|---|---|---|
| *Programmi ta' Taħriġ* | Tul l-2019 | Full-time | 24 Xahar Kalendarju | Miżati edukattivi sa €5,000 għat-tul kollu tal-programm. |
| *QMK Livell 5 / Programmi li ma jwasslux għall-ewwel lawrja* | Tul l-2019 | Full-time | 24 Xahar Kalendarju | Miżati edukattivi sa €5,000 għat-tul kollu tal-programm u €400 kull xahar bħala Għotja ta' Manteniment. |
| | | Studju Part-Time/ | 24 Xahar Kalendarju | Miżati edukattivi sa €5,000 għat-tul kollu tal-programm. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Tagħlim b'Korrispondenza | | |
| *QMK Livell 6 (Baċellerat)* | Tul l-2019 | Full-Time | 48 Xahar Kalendarju | Miżati edukattivi sa €20,000 għat-tul kollu tal-programm u €400 kull xahar bħala Għotja ta' Manteniment. |
| | | Studju Part-Time/ Tagħlim b'Korrispondenza | 48 Xahar Kalendarju | Miżati edukattivi sa €20,000 għat-tul kollu tal-programm. |
| *QMK Livell 7 (Masters)* | Tul l-2019 | Full-Time | 36 Xahar Kalendarju | Miżati edukattivi sa €10,000 għat-tul kollu tal-programm u €400 kull xahar bħala Għotja ta' Manteniment. |
| | | Studju Part-Time/ Tagħlim b'Korrispondenza | 36 Xahar Kalendarju | Miżati edukattivi sa €10,000 għat-tul kollu tal-programm. |
| *QMK Level 8 (PhD)* | Tul l-2019 | Full-Time | 48 Xahar Kalendarju | Miżati edukattivi sa €20,000 għat-tul kollu tal-programm u €400 kull xahar bħala Għotja ta' Manteniment. |
| | | Studju Part-Time/ Tagħlim b'Korrispondenza | 72 Xahar Kalendarju | Miżati edukattivi sa €20,000 għat-tul kollu tal-programm. |

10.2 Ħlas ta' Għotja ta' Manteniment għandu jitħallas:

(a) Għal korsijiet li għandhom tul ta' sena akkademika waħda (1) jew inqas, 50% tal-Għotja ta' Manteniment titħallas fil-bidu tas-sena akkademika jew wara l-iffirmar tal-Ftehim, skont liema jiġi l-aħħar, u l-50 % li jifdal jitħallas wara li jiġu sottomessi d-dokumenti kollha msemmija fil-Klawżola 12.2 hawn taħt;

(b) Għal korsijiet li jdumu aktar minn sena akkademika waħda (1), 50% tal-Għotja ta' Manteniment allokat kull sena jitħallas fil-bidu tas-sena akkademika jew wara l-iffirmar tal-Ftehim, skont liema jiġi l-aħħar u l-aħħar 50% li jifdal mogħtija kull sena jitħallas fin-nofs tas-sena akkademika. Fis-snin ta' wara (ħlief matul l-aħħar sena), l-istess proċedura għandha tiġi ripetuta. Matul l-

aħħar sena, l-aħħar pagament ta' 50% jitħallas wara li d-dokumenti kollha msemmija fil-Klawżola 12 jiġu ppreżentati.

10.3 Benefiċjarji li jħallsu l-miżata għat-tagħlim tagħhom lil Istituzzjoni Rikonoxxuta direttament huma stess, għandhom jiġu rimborżati malli jirċievu kemm il-fattura oriġinali tal-Istituzzjoni Rikonoxxuta kif ukoll ir-riċevuta uffiċjali oriġinali tal-pagament jew ekwivalenti (jiġifieri fattura riċevuta fejn applikabbli) maħruġa mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta.

Kwalunkwe informazzjoni u dokumentazzjoni kollha mitluba mill-Amministratur għandhom jiġu sottomessi mill-benefiċjarju fiż-żmien stipulat mill-Amministratur. Nuqqas ta' provvediment ta' tali informazzjoni u dokumentazzjoni jista' jirriżulta fis-sospensjoni jew it-tmiem tal-Borża ta' Studju u l-benefiċjarju jista' jkun jintalab li jirrifondi kwalunkwe ammonti diġà mħallsa mill-Amministratur.

## 11. Il-Fażi tal-Għoti

11.1 L-applikanti jiġu notifikati bil-miktub dwar l-għażla tagħhom għall-għotja ta' Borża ta' Studju mill-Bord tal-Għażla.

11.2 Applikanti magħżula skont Klawżola 3.1.1 (f) jintalbu jissottomettu d-data tal-bidu u d-data tat-tlestija tal-Programmi ta' Studji tagħhom. Id-data tal-bidu tal-Programmi ta' Taħriġ / Programmi ta' Studji għandha tkun matul l-2019. Wara li tkun ingħatat din l-informazzjoni, l-applikant magħżul jintalab li jiffirma ftehim. Jekk l-applikant ma jiffirmax il-ftehim fil-limitu ta' żmien stabbilit mogħti mill-amministratur, il-Borża ta' Studju tintilef u l-Amministratur jirriżerva d-dritt li jalloka l-Borża ta' Studju lil applikant jew applikanti oħra, skont il-klassifikazzjoni rispettiva tagħhom.

11.3 Applikanti magħżula skont Klawżola 3.1.1 (g) għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament għas-snin li jifdal tal-programm ta' studji tagħhom filwaqt li d-data tal-pubblikazzjoni tal-klassifiki tkun id-data tal-bidu tal-ftehim tal-Borża ta' Studju tagħhom.

11.4 L-applikanti jkunu mistennija li jieħdu l-Borża ta' Studju mid-data indikata fil-Ftehim. Jekk għal xi raġuni, l-applikant mhux f'pożizzjoni li jibda fid-data msemmija fil-Ftehim, jew ikun jeħtieġ Data tal-Bidu differenti, L-Uffiċċju għall-

Għotjiet ta’ Manteniment lill-Istudenti u Boroż ta’ Studju fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol jirriserva d-dritt, fuq notifika ta’ tali intenzjoni, li jirrevedi d-Data tal-Bidu fil-Ftehim, jew li jikkanċella l-Borża ta’ Studju jekk il-bidliet jimplikaw li d-data tal-bidu tiġi posposta wara l-31 ta' Diċembru 2019.

11.4.1 Notifika bħal din biex tinbidel id-data tal-bidu għandha tiġi sottomessa sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Novembru, 2019.

11.4.2 Fil-każ ta’ benefiċjarji li m’għandhomx it-18-il sena fid-data tal-iffirmar tal-Ftehim, dan għandu jiġi ffirmat mill-kustodju legali.

Sabiex jiġi evitat id-dubju, jekk l-applikant joqgħod lura milli jinforma t-Taqsima għall-Boroż ta’ Studju dwar il-bidla meħtieġa fid-Data tal-Bidu u / jew id-Data tat-Tlestija, l-istess Taqsima għandu jkollha d-dritt li ttemm il-Borża ta’ Studju u l-applikant għandu jkun responsabbli li jħallas lura l-ħlasijiet kollha tal-Miżati tat-Tagħlim, tal-Għotjiet ta’ Manteniment u ħlasijiet oħra li kienu tħallsu mit-Taqsima għall-Boroż ta’ Studju fid-dawl tal-għotja tal-Borża ta’ Studju.

11.5 L-Amministratur jirriżerva d-dritt li jippubblika l-ismijiet tal-Applikanti mogħtija l-Boroż ta’ Studju, u li jitlob u jippubblika l-istatus u l-progress tal-Applikanti u x-xogħol tagħhom.

11.6 Il-Boroż ta’ Studju huma maħsuba biex jiffinanzjaw il-Programmi ta’ Studji ddikjarati fil-Formola tal-Applikazzjoni u stipulati fil-Ftehim. Il-finanzjament mhux se jkun estiż biex jippermetti lill-benefiċjarju jlesti kwalifika addizzjonali jew ogħla minn dik li għaliha saret l-għażla.

11.7 Kwalunkwe proprjetà intellettwali inklużi brevetti li jirriżultaw direttament, jew derivati, mill-Programmi ta’ Studji ffinanzjati mill-Boroż ta’ Studju u mwettqa mill-benefiċjarju matul il-perjodu tal-Ftehim, għandhom ikunu koperti minn ftehim dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali (IPR) li jirrikonoxxi li x-xogħol artistiku sar matul Borża ta’ Studju iffinanzjat mill-Gvern ta’ Malta.

11.8 L-Amministratur m'għandux ifittex li jikseb xi drittijiet fil-proprjetà intellettwali f'isem il-benefiċjarju waqt il-mandat tal-Boroż ta’ Studju.

11.9 Mal-għoti ta’ Borża ta' Studju, l-Amministratur għandu jagħmel l-informazzjoni miksuba disponibbli għall-awtoritajiet pubbliċi għal skopijiet ta’ kontabilità.

## 12. Progress u Tlestija

12.1 Kull sitt (6) xhur, il-benefiċjarji għandhom jitolbu lit-tutur tagħhom biex jissottometti lill-Amministratur rapport qasir li jikkonferma l-progress u l-attendenza tal-benefiċjarju. Dawn ir-rapporti ta' progress iridu jintbagħtu direttament lill-Amministratur tal-Boroż direttament f'dan l-indirizz elettroniku: ***artsscholarship.mede@gov.mt***. F'każ li dawn ir-rapporti ma jintbagħtux, dan jista' jwassal għal waqfien fil-ħlas ta' aktar ħlasijiet parzjali tal-Borża ta' Studju u li tintalab rifużjoni ta' kwalunkwe ammonti diġà mħallsa mill-Bord taħt din l-iskema.

12.2 Meta jitlestew l-istudji, it-teżi / kopja tax-xogħol ta' riċerka, kif ukoll kopja tat-Traskrizzjoni u taċ-Ċertifikat Uffiċjali li jagħti l-Grad għandhom jiġu sottomessi lill-Amministratur tal-Boroż ta' Studju fi żmien xahrejn (2) xhur mill-għoti tal-kwalifika.

12.3 Mat-tlestija tal-istudji fejn applikabbli, kopji tal-pubblikazzjonijiet tal-benefiċjarji li jkunu saru matul il-perjodu tal-Borża ta' Studju, għandhom jintbagħtu f'format elettroniku lill-Amministratur, fi żmien tletin (30) ġurnata minn meta jiġu ippubblikati.

Kopja stampata tat-teżi (fejn applikabbli biss) għandha tintbagħat ukoll lill-Amministratur mal-pubblikazzjoni. Fil-każ li t-teżi kollha jew parti minnha, f'forma diġitali (awdjo jew vidjo) għandha tiġi sottomessa lill-amministratur f'format xieraq. Kull pubblikazzjoni tista' tittella' fuq websajt bl-intenzjoni li tippromwovi l-arti f'Malta u approvata mill-Uffiċċju għall-Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti u Boroż ta' Studju.

12.4 Il-pubblikazzjonijiet kollha li jirriżultaw mill-Programm ta' Studji li jkunu sponsorjati minn din l-iskema għandhom jirriflettu r-rikonoxximent li ġej: **"L-awtur huwa riċevitur tal-Boroż tal-Arti, iffinanzjat mill-Gvern ta' Malta**". Ir-rikonoxximent irid ikun f'format li jidher u jekk parti mit-teżi tkun eżekuzzjoni, din id-dikjarazzjoni għandha tidher f'forma li tidher biċ-ċar mill-udjenza.

12.5 Il-benefiċjarji għandhom jiktbu minimu ta' artiklu (1) dwar ix-xogħol / l-istudji tagħhom fil-midja pubblika Maltija fi żmien sittin (60) ġurnata mill-gradwazzjoni tagħhom, filwaqt li huma jirrikonoxxu pubblikament li l-istudju tagħhom saru

wara l-Għoti ta' Borża ta' Studju fl-Arti iffinanzjata mill-Gvern ta' Malta. Ħolqa elettronika jew kopja stampata ta' dan l-artiklu għandha tintbagħat lill-awtorita' relevanti.

## 13. Terminazzjoni qabel it-tlestija tal-programm

13.1 Il-ksur ta' kwalunkwe waħda mill-klawżoli ta' dawn ir-Regolamenti, jew tal-Ftehim, inklużi iżda mhux limitati għal, dikjarazzjonijiet foloz, informazzjoni mhux kompluta jew mhux korretta fid-dikjarazzjoni tal-fatti rilevanti kollha, fi kwalunkwe stadju, jista' jwassal għat-twaqqif immedjat, jew għar-reviżjoni ta' Borża ta' Studju, u l-persuna benefiċjarja tista' tiġi mitluba tirrifondi kwalunkwe ammont diġà mħallsa lilu/lilha jew f'ismu/isimha mill-Bord tal-Għażla.

13.2 Il-benefiċjarji li, għal kwalunkwe raġuni, iwaqqfu l-programm ta' studju tagħhom, għandhom jinfurmaw lill-Bord tal-Għażla bil-miktub minnufih.

13.3 Il-Bord tal-Għażla għandhu, fi żmien tletin (30) ġurnata minn avviż bil-miktub, ittemm l-għotja ta' Borża ta' Studju jekk:

(a) il-progress tal-benefiċjarju huwa meqjus bħala mhux sodisfaċenti mill-Istituzzjoni Rikonoxxuta jew minn Mentor Rikonoxxut;

(b) il-persuna benefiċjarja ttemm il-Programm ta' Studju jew it-Taħriġ;

(ċ) il-persuna benefiċjarja qiegħda tikser kwalunkwe dispożizzjoni ta' dawn ir-Regolamenti jew tal-Ftehim, u jekk ma jiġix rimedjat dan il-ksur fi żmien tletin (30) ġurnata minn meta jasal l-avviż bil-miktub li jitlobha tagħmel hekk. Jibqa' fid-diskrezzjoni tal-Bord tal-Għażla jekk l-imsemmi ksur għandux iwassal għat-terminazzjoni immedjata tal-Borża ta' Studju jew jekk il-persuna benefiċjarja għandhiex ikollha permess żmien biex jiġi rrimedjat il-ksur.

(d) il-persuna benefiċjarja ma tlestix il-Programm ta' Studju jew it-Taħriġ, inklużi eżamijiet riparatorji, sad-data tat-tlestija kif stipulat fil-Ftehim.

Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-Klawżola 12.1 hawn fuq, benefiċjarji li kienu jibbenefikaw minn Borża ta' Studju, u li issa din twaqqfitilhom, kif stipulat fil-kondizzjonijiet stipulati fil-Klawżola 12.3, huma meħtieġa li, fi żmien tliet (3)

xhur, jirrifondu l-għotjiet kollha inklużi l-Miżati ta' Tagħlim, Għotjiet ta' Manteniment u / jew fondi oħra mgħoddija kemm lill-Istituzzjoni Rikonoxxuta u kemm lill-persuna benefiċjarja fi żmien tliet xhur, kif deskritt fi Klawżola 13.3 aktar 'il fuq jew għal xi ksur ieħor tar-regolamenti jew tal-ftehim.

13.4 Persuni li jkunu qegħdin jibbenefikaw minn Borża ta' Studju, u li ma jistgħux isegwu aktar studji minħabba sitwazzjonijiet ta' saħħa mhux previsti jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali kif approvati mill-Bord tal-Għażla, m'għandhomx jitqiesu li qegħdin jiksru dawn ir-regolamenti, iżda jistgħu jintalbu jirrifondu xi Miżati ta' Tagħlim u Għotjiet ta' Manteniment fuq bażi *pro rata* kif approvata mill-Bord tal-Għażla.

F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-persuna ikkonċernata għandha tkun obbligata li tipprovdi spjegazzjoni ġustifikabbli dwar għalfejn il-programm ta' taħriġ jew il-Programm ta' Studju ma ġiex komplut, jew għaliex ir-riċevitur naqas milli jikseb il-kwalifika. Evidenza dokumentata, ċertifikati mediċi u dokumenti għandhom jakkumpanjaw kull talba.

Il-Bord tal-Għażla bl-ebda mod mhu marbut li jiċħad it-talbiet kollha jew parti minnhom. L-istess Bord jirriserva wkoll id-dritt li jaħtar l-esperti tiegħu stess, inklużi imma mhux limitati għal esperti mediċi jew xort'oħra, biex jagħti pariri u jevalwa l-każ ta' min jagħmel it-talba.

## 14. Kundizzjonijiet Ġenerali oħra tal-Għoti tal-Borża ta' Studju

14.1 Benefiċjarji ta' Borża ta' Studju huma mistennija li jfittxu approvazzjoni minn qabel tal-viża (fejn applikabbli) għal studji proposti barra l-pajjiż.

14.2 Il-benefiċjarji għandhom jiffirmaw il-ftehim sad-data preskritta. Nuqqas ta' preżentazzjoni tal-ftehim iffirmat sad-data preskritta jista' jwassal biex l-għotja tingħata lil ħaddieħor skont il-klassifikazzjoni rispettiva tagħhom.

14.3 Jekk jinqala' xi kunflitt bejn l-interpretazzjoni tal-klawżoli fir-Regolamenti u l-Ftehim, huwa dak li hemm fir-Regolamenti li għandhom jipprevalu.

14.4 Benefiċjarji għandhom jitolbu approvazzjoni minn qabel lill-Bord tal-Għażla dwar kwalunkwe impenn ta' impieg li matulu jkunu qegħdin jitħallsu minn Borża ta'

Studju. Impjieg li jsir matul il-perjodu tal-Borża ta' Studju mingħajr l-approvazzjoni tal-Bord tal-Għażla għandu jitqies li jikser dawn ir-Regolamenti u tal-Ftehim. L-approvazzjoni maħruġa mill-Bord tista' tinżamm mill-istess Bord, jekk dan ir-rifjut ta' approvazzjoni jitqies raġonevolment neċessarju. It-talba għall-approvazzjoni mill-Bord tal-Għażla m'għandhiex titqies mill-applikanti u / jew mid-detenturi tal-għotja bħala formalità li għandha twassal għal approvazzjoni awtomatika.

14.5 Benefiċjarji li jżommu aktar minn għoxrin (20) siegħa ta' xogħol fil-ġimgħa kontemporanjament għall-istudji / riċerka tagħhom għandhom jitqiesu li qegħdin jiksru l-obbligu tagħhom lejn studji fuq bażi full-time. Dan jirriżulta f'kanċellazzjoni tal-Borża ta' Studju u fir-rifużjoni ta' kwalunkwe Miżata ta' Tagħlim, Għotja ta' Manteniment u drittijiet oħra mogħtija sa dak iż-żmien. L-applikanti u l-benefiċjarji għandhom jinfurmaw u jfittxu l-approvazzjoni tal-Bord tal-Għażla minn qabel.

14.6 Għotjiet supplimentari għall-istess kors jew Programm ta' Studju għandhom jiġu ddikjarati fl-intervista jew qabel ma jiġu aċċettati formalment l-għotjiet l-oħra. Dikjarazzjoni bħal din tkun teħtieġ l-approvazzjoni mill-Bord tal-Għażla tal-Boroż ta' Studju tal-Arti. Kwalunkwe għotja supplimentari li ma tkunx approvata kif imsemmi aktar kmieni, flimkien mal-Boroż ta' Studju, għandha titqies li qiegħda tikser dawn ir-Regolamenti u tal-Ftehim. Sabiex jiġi evitat id-dubju, kwalunkwe persuna li taċċetta għotjiet oħra lokali jew barranin mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Bord għandha titqies li qiegħda tikser dawn ir-Regolamenti u l-Ftehim.

Għandu jkun enfasizzat li t-tfittxija għall-approvazzjoni mill-Bord m'għandhiex titqies mill-applikant u / jew mill-persuna benefiċjarja bħala formalità li għandha twassal għal approvazzjoni awtomatika mill-Bord. Jista' jkun hemm probabbilta' li l-Bord jitlob lill-applikant u / jew lill-persuna benefiċjarja li titlef kull waħda jew aktar mill-għotjiet supplimentari. Fil-każ li l-persuna konċernata tirrifjuta li titlef dawn l-għotjiet supplimentari, il-Bord għandu d-dritt li jalloka l-Borża ta' Studju lil applikant jew applikanti oħra jew jitlob lill-persuna benefiċjarja tirrifondi l-fondi li tkun irċeviet, skont il-każ.

14.7 Għal aktar mistoqsijiet u informazzjoni jekk jogħġobkom ikkuntattjaw lil:

**L-Amministratur,**
**Skema ta' Boroż ta' Studju tal-Arti f'Malta,**
**Taqsima Għotjiet ta' Manteniment u Boroż ta' Studju,**
**Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol,**
**Kamra 112,**
**Triq l-Assedju l-Kbir,**
**Floriana VLT 2000,**
**Malta.**

**Telefon: (+356) 2598 2111**
**E-mail: artsscholarships.mede@gov.mt**
**Websajt: www.myscholarship.gov.mt**